KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 17

**Il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fit-3:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgha tmexxiet mill-Vici Sindku fid-dawl li s-Sindku nqabad fuq xogħol.

## 17.1 Qari tal-Apoloġiji

17.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm ittri ta' apoloġija mingħand is-Sindku u l-Kunsillier Mifsud.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 16

17.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

17.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 16 ġew approvati bl-emenda msemmija hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

## 17.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

17.3.1 Minħabba li s-Sindku ma kienx preżenti, dan il-punt inqabeż.

## 17.4 Estensjoni tal-kuntratt tal-*Projects Manager* (ERDF Project)

17.4.1 Is-SE infurmat li l-kuntratt tal-*Projects Manager* kien wasal biex jiskadi u għaldaqstant talbet li jiġi estiż, fid-dawl li l-proġett għadu mhux konkluż.

17.4.2 Il-Kunsill qabel u approva l-estensjoni ta' sena mid-data tal-iskadenza.

17.4.3 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li fir-rigward tal-kuntratt mar-Recoop dwar ir-restawr tal-arloġġ, għalkemm il-kuntratt inniffsu kien ġie estiż, xorta waħda kienu għadhom għaddejjin b'xi xogħlijiet wara li nħarġet *snag list* mill-periti tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 17.5 Bord tal-intervisti għal impjieg ġdid ta' skrivan/a

17.5.1 Is-SE infurmat li kienet bdiet tirċievi s-CV's tal-persuni li huma interessati jaħdmu mal-Kunsill. Għaldaqstant talbet lill-Kunsill biex jaħtar bord tal-intervisti.

17.5.2 Kien hemm qbil li dan għandu jkun magħmul mis-SE (ex-officio), il-Kunsillier Sammut Dimech u s-Sur Adrian Mifsud.

## 17.6 *European Mobility Week 2020*

17.6.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-kommunikazzjonijiet dwar l-iskema tal-European Mobility Week lill-Kunsilliera kollha.

17.6.2 Il-Kunsill qabel li għandha tiddaħħal applikazzjoni għal vann li jaħdem bl-elettriku għall-użu tal-komunita' b'mod speċjali anzjani għaliex fl-Imtarfa m'hawnx servizzi u faċilitajiet bħal ATM, bank, posta, spizerija tal-gvern, eċċ .

## 17.7 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

17.7.1 Minħabba li l-Kunsillier Mifsud infurmat li kellha kors u ma kinitx se tlaħħaq tattendi, dan il-punt inqabeż.

## 17.8 Punti Oħra

17.8.1 Is-SE infurmat li kien ġie ppubblikat l-avviż għall-offerta tal-irrigazzjoni liema xogħol kellu jitlesta sal-aħħar ta' Ottubru. Hija infurmat li minħabba d-data jista' jkun li jkun hemm bżonn ta' tibdiliet b'mod speċjali fejn jidħol il-proġett ta' Triq il-Gladjoli minħabba li għadu jrid isir ix-xogħol tat-tħaffir tal-ġiebja, u għadhom ma ħarġux il-permessi kollha, u għaldaqstant dan ma setax jitlesta fil-ħin.

17.8.2 Hawnhekk is-SE talbet ukoll sabiex jiġi magħżul il-bord tal-evalwazzjoni għal din l-offerta u kien hemm qbil li l-membri għandhom ikunu s-Sindku, il-Kunsillier Fenech, is-Sur Perici, is-SE, u l-Assistent Prinċipali.

17.8.3 B'konnessjoni mal-istess offerta, inħass il-bżonn li jsir tbattil u tindif tal-ġiebja ta' Ġnien San Oswald u possibbilment anke jsir xi *waterproofing* tagħha. S'issa kienu nġabu kwotazzjonijiet għat-tbattil li huwa madwar €500. Il-Kunsill qabel li ladarba dan ix-xogħol huwa meħtieġ is-SE għandha tmexxi b'dak kollu li jkun hemm bżonn.

17.8.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kwotazzjoni għal *brackets* ġodda għall-*floodlights* tat-torri tal-arloġġ wara li min-naħa tal-SCH kienu infurmaw li ma jaqblux li jintuża l-metodu l-qadim, jiġifieri li jkun hemm ħadida mgħoddija minn ġol-ġebel għaliex biż-żmien tissaddad u tixpakka bħalma diġà ġara. Għaldaqstant il-kuntrattur tal-M&E's kien intalab biex jaħdem *brackets* ġodda tal-*istainless steel* li jduru madwar il-kolonni f'forma ta' ċinturin. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. L-ammont tal-kwotazzjoni huwa ta' €3840 (bla VAT).

17.8.5 Is-SE infurmat li se jkun hemm bżonn ta' trinka fil-pjazza tal-Imtarfa minħabba li hemm *cables* tal-Enemalta għaddejjin minn taħt il-*Visitors Centre* u li se jkollhom jiġu devjati għal fuq it-triq. Hija infurmat li kemm Infrastructure Malta kif ukoll l-Enemalta kienu se jagħmlu tajjeb għall-parti mill-ispiża tat-*trenching* u għat-tpoġġija tal-*cables*. L-ispiża tat-trinka u l-*cables* kienet se tlaħħaq madwar €15,000.

17.8.6 Il-Viċi Sindku għamel talba għal rampa bejn l-entratura ta' Binja Buqana C u l-bankina minħabba li fil-preżent hemm biss taraġ. Kien hemm qbil li l-Viċi Sindku għandu jkellem lill-Perit inkarigata mix-xogħlijiet li għaddejjin bil-preżent biex tħejji pjanta ta' kif qed tipproponi li ssir ir-rampa u tgħaddi kopja lil-Kunsill biex jinġabu kwotazzjonijiet. Kien hemm qbil ukoll

li l-Awtorità tad-Djar għandhomidaħħlu applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jingħata l-permess għal dan ix-xogħol.

17.8.7 Is-SE infurmat li kienet irċeviet żewġ kommunikazzjonijiet fir-rigward ta' antenna tal-Melita li hemm fi Triq Dar il-Kaptan. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikteb lill-MCA u titlob direzzjoni min-naħa tagħhom.

17.8.8 Il-Kunsill iddiskuta kommunikazzjoni li għadda l-Viċi Sindku lis-SE dwar ilmenti fir-rigward tal-kuntratt tas-*soft areas*. Kien hemm qbil fost il-membri tal-Kunsill li hemm numru ta' nuqqasijiet fosthom li mhux jitħawlu biżżejjed fjuri, mhux issir tisqija mat-toroq kollha kif ukoll li hemm numru ta' siġar li għadhom ma nżabrux. Kien hemm qbil li għandha ssir aktar pressjoni mal-kuntrattur u kemm-il darba ma jikkoperax, għandu jissejjaħ biex jiltaqa' mal-Kunsill.

## 17.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

17.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 8), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mill-Viċi Sindku u mis-SE.

## 17.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

17.10.1 Il-laqgħa spiċċat fil-5:00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 30 ta' Settembru 2020 fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 30 ta' Settembru 2020.

Dr Daniel John Attard
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv